MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 744/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Pesca Azzura Limited u Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Jospeh Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti l-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datati fit-8 ta' Ottubru 1999 (Dok 'A' u 'B' annessi mar-rikors) is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited fis-somma ta' mija

u tnejn u tletin elf mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm132,126.52) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C” , “D” u “E1 sa E29” annessi mar-rikors) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Gunju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

3. Illi permezz taz-zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami tat-8 ta’Ottubru 1999 (Dok A u B annessi mar-rikors) u permezz ta’ tliet skritturi privati u cioe` dawk datati fit-8 ta’ Frar 1999, fit-8 t’Awissu 1999 u fis-6 ta’ Marzu 2000 (Dok ‘F’, ‘G’ u ‘H’ annessi mar-rikors) l-intimati Nazareno u Anna mizzewgin Muscat iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta` Pesca Azzura Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess Pesca Azzura Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokument “A” u “B” mar-rikors) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta` intimata Pesca Azzura Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

(5) Illi r-rikorrent nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija u esebiti bhala Dokument “A” u “B” mar-rikors) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` intimata Pesca

Azzura Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidlet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta` intimata Pesca Azzura Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited u lill-intimati Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat flimkien u "in solidum" ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm132,126.52) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali (Dok 'I' u 'J') mibghuta lill-intimati fil-25 ta' Jannar 2007 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi. Deher Nazzareno Muscat ghas-seduta tal-lum.

Xehdet <u>Francesca Scerri</u> li kkonfermat li mid-data tal-prezentata tar-rikors ma sar ebda hlas mill-intimati.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimati, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jirrizultaw gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija u esebiti bhala Dokument "A" u "B" mar-rikors) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c)

hemm bidlet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta` intimata Pesca Azzura Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited u lill-intimati Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat flimkien u “***in solidum***” ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mija u tnejn u tletin elf, mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm132,126.52) bilanc ghad-debitu fil-“***Loan*** u ***Overdraft Accounts***” tas-socjeta` intimata Pesca Azzura Limited flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Gunju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------